**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2020**

**Rikors nru: 77/18 AGV**

ABC

Vs

D sive E C

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fit- 13 ta' Settembru 2019, li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet;
2. Illi l-partijiet ilhom separate de facto ghal izjed minn tlett snin u ma hemmx prospett ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
3. Ill l-esponent jixtieq illi l-komunjoni tal-akwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi terminata f' dal-istadju ;

4. Illi l-ebda wiehed u wahda mil-partijiet ma hija ser tbati xi pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel ma tinghata s-sentenza tal-firda.
5. Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti sa issa ezistenti bejn il-paritijiet u ai termini tal-artikolu 55 tal-Kodici Civili prevja ovvjament riserva ghad-drittijie tal-partijiet rigwardanti l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti sal-mument tat-terminazzjoni taghha.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' D sive EC ( KI nru: 517370M) datata 25 ta' Settembru 2019;**

1. Illi permezz ta' digriet datat 16 ta' Settembru 2019 , l-esponenti inghatat terminu ta' hamest ijiem utili biex tipprezenta r-risposta taghha ghal rikors li ghamel l-attur intavolata fit- 13 ta' Settembru 2019, illi permezz tieghu talab lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.
2. Illi f' dar-rigward l-esponenti tirrileva umilment illi filwaqt illi fir-rikors tieghu, l-attur iddikjara li l-ebda wahda mill-partijiet ma hija ser tbati xi pregudizzju mhux proporzjonat, bil- waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, l-verita' hija ferm differenti b' dan illi effetivament f' kaz illi tintlaqa' it-talba tal-attur minn dina l-Onorabbli Qorti ser tkun l-esponenti li ser tbati tali pregudizzju u dan kif ser jigi debitament spjegat permezz tar-risposta odjerna.
3. Illi ghalkemm l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti d-dritt lill-partijiet sabiex jipprezentaw talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti matul is-smiegh tal-kawza ta' firda, is-sub artikolu 4 tal-istess artikolu jistipula ukoll bl-aktar mod car illi qabel tordna tali waqfien , il-Qorti ghandha tqisx jekk xi parti tkun ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.

4. Illi primarjament, jigi rivelat umilment illi sal-lum u ghalkemm l-kawza odjerna giet intavolata iktar minn sena ilu, sa issa ressaq il-provi tieghu biss f 'zewg seduti, b' dan illi inoltre' u **ghalkemm permezz ta' digriet datat 22 ta' Mejju 2018, l-attur gie ordnat jipprezenta l-affidavit tieghu u l-provi dokumentarji kollha in konnessjoni, interalia, mal-komunjoni tal-akkwisti, sa llum, aktar minn sena wara, huwa ghadu ma ghamilx dan.**
5. Illi effetivament ghadha ma ngabet l-ebda evidenza mill-attur dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti salv ghax-xhieda tar-rapprezentanti tal-banek, b' dan illil -attur qed ikompli bit-tattika tieghu, kif del resto dejjem ghamel, li jahbi l-qliegh u l-assi rejali tieghu li evidentament kien u ghadhom jifformaw parti mil-komunjoni tal-akkwisit ezistenti bejn il-partijiet.
6. Illi matul iz-zwieg, l-attur dejjem inqeda bl-esponenti kif u meta ried sabiex hija tiehu hsieb liz-zewg ulied wehidha, minghajr ebda forma ta' sostenn da parti tieghu, b' dan illi filwaqt ill l-esponenti qatt ma thalliet tahdem sabiex tiehu hsieb lill-familja u l-bzonnijiet kollha tal-attur, l-istess attur baqa' dejjem ikabbar il-qliegh tieghu fil-waqt illi dejjem naqas li jaghti rendikont lill-esponenti tal-istess.
7. Illi l-esponenti qatt ma kellha l-ebda ghazla hlief li thalli kollox f' idejn l-attur ghal dak illi l-attur dejjem kompla jiprogressa fil-karriera tieghu tal-football u fin-negozju li huwa dejjem kabbar fl-istess qasam, illi jrendi hafna iktar minn dak illi kien jipprova jaghti x' jifhem l-attur lill-esponenti.
8. Illi di piu' filwaqt illi l-esponenti kienet dejjem biezla tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tal-familja u ta' ulied il-partijiet, kif ser jirrizulta fil-mori tal-proceduri odjerni, l-attur ghazel illi jghix hajja ta' guvni, u rrenda ruhu hati ta' adulterju tant illi huwa rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet ghal kollox impossibbli u kisser ghal kollox iz-zwieg ta' bejniethom.

9. Illi effetivament l-attur rrenda ruhu hati ukoll ta’ abbandun b’ dana illi huwa ilu snin illi abbanduna l-fond matrimonjali, lil martu u lil uliedu sabiex ikompli jghix hajja ta’ guvni.
10. Illi t-talba tal-attur f’ dal-istadju fejn kjarament ghad iridu jingiebu l-provi ta’ dal kollu li l-attur ilu jipprova jahbi, ghal snin twal, u li evidentament ghandu jidhol u jifforma parti mill- kommunjoni tal-akkwisti, ma hi xejn hlief tentattiv sabiex l-attur ikompli jissolida l-posizzjoni finanzjarja tieghu fil-waqt li jcahhad lill-esponenti minn dak illi evidentament ghandha dritt ghalih.
11. Ill is-sitwazzjoni hija tali li filwaqt illi l-attur qieghed jiehu l-flus kollha li jippercepixxi mix-xoghol tieghu, u min-negozji li hu jiggestixxi, l-esponenti dejjem thalliet fid-dlam, kif fil-fatt ghadha sal-lum, tiehu hsieb il-familja, filwaqt li giet traduta mil-istess zewgha minn kull aspett.
12. Illi huwa facli ferm ghal-attur illi jiddikjara li l-ebda parti ma hi ser issoffri pregudizzju mhux proporzjonat stante lli huwa dejjem ghamel li ried fiz-zwieg , u certament illi ma soffra l-ebda pregudizzju waqt illi kellu mara id-dar tiehu hsieb lilu u lil uliedu filwaqt illi huwa baqa’ jippercepixxi l-qliegh kollu mix-xoghol tieghu u baqa’ jghix hajja ta’ guvni kif deherlu u kif kien komdu ghalih, b’ dan illi certament illi ma jistax jinghad l-istess ghall-esponenti , li wara li ddekadikat ruhha ghal familja, sa llum, wara snin twal ta’ zwieg, ghadha fl-ghama dwar l-assi tal-komunjoni u l-qliegh tal-attur li evidentament kien u ghadu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.
13. Illi l-esponenti tirrileva umilment illi f’ kaz illi dina l-Onorabbli Qorti, tilqa’ t-talba tal-attur illi allura kollu kontroll assolut fuq il-finanzi li jinsabu kollha f’ ismu, u li akkumulaw matul is-snin u li evidentament jappartjeni lil-komunjoni tal-akkwisti , hija ser titlef dak kollu li gie akwistat tul das-snin kollha stante illi evidentament l-istess attur jista’

jiddisponi mill-istess, sabiex per ezempju, jakkwista propjeta' li evidentament tkun tappartjeni lilu biss.

14. Illi l-attur konvenjentament, naqas milli jaghmel refernza ukoll ghall -fond matrimonjali huwa bena flimkien mal-esponenti u li fuqu l-esponenti harget flus , li pero' l-attur akkwista f' ismu, anke jekk effitavement dan kien ghan-nom ukoll tal-esponenti, b' dan illi bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti, l-attur jista' jipprova jkompli jippregudika id-drittiet tal-esponenti fuq l-istess fond.

Ghaldaqstant , u fid-dawl tas-suespost, l-esponenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti, joghgobha tichad it-talba tal-attur stante illi jekk tali talba tintlaqa' hija ser issoffri pregudizzju mhux proporzjonat, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidirilha xieraq u opportuni.

Rat id-dokumenti esebiti, partikolarment in-nota tal-konvenuta datata 26 ta' Novembru 2019, u dik tal-attur datata 9 ta' Dicembru 2019.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT**

Ir-rikorrenti qed jipprocedi b'din it-talba fit-termini tal-Artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, li jaghti d-dritt lil kull parti f'kawza ta' separazzjoni personali, li fil-pendenza tal-istess kawza, titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skond is-subinciz (3) l-

ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Is-subinciz (4) tal-istess artikolu jghid hekk:-

***"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qrati ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

Skond is-subinciz (6) tal-istess artikolu meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha taghmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konkluzziva.

Fil-kawza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell (Citaz.Nru. 139/12) deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015** li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:-

**"…..il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qedghin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici."**

**"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li *"f'kull***

***zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat."*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju ***incumbit ei qui dicit non ei qui negat*** "[1]

Illi sa llum, il-Qorti hija nieqsa mill-affidavit tal-partijiet, kif ukoll hija nieqsa minn dettalji dwar f'hiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti. L-attur kien inghata zmien sas-seduta tas-16 ta' Jannar 2019 biex jippresenta l-affidavit tieghu flimkien ma' dokumenti, haga li naqas milli jaghmel. Lanqas gie dikjarat lill-Qorti jekk il-partijiet ghandhomx proprjeta' parafernali oltre l-komunjoni. Il-Qorti ghalhekk issibha difficli tilqa' talba ghall-waqfien tal-komunjoni meta ma tafx din f'hiex tikkonsisti. Huwa minnu li ordni bhal din tidhol fis-sehh biss mal-ghoti tas-sentenza, jigifieri dak li kien jifforma parti mill-komunjoni jibqa' hekk jifforma parti, u x-xoljiment effettiv jsehh mas-sentenza finali. Madankollu, biex il-Qorti tkun soddisfatta li tali waqfien mhux ser johloq pregudizzju sproporzjonat lill-intimata.

Kien ghalhekk fid-dmir tar-rikorrent li jikkonvinci lil dina l-Qorti bil-provi li l-waqfien tal-komunjoni mhux ser johloq ebda "pregudizzju sproporzjonat" ghall-konvenuta intimata, haga li seta' facilment ghamel li kieku esebixxa l-affidavit tieghu flimkien mad-dokumenti necessarji, kif kien gia' awtorizzat jaghmel. Hija l-fehma tal-Qorti li

[11] Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi – Qorti tal-Appell deciza fit-28 ta'Marzu, 2015

ghadu kmieni wisq sabiex jittiehed kwadru aktar car tal-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, biex din tigi terminata u ma tohloqx “pregudizzju sproporzjonat” ghall-konvenuta.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi r-rikors billi tichad it-talba tar-rikorrent.

L-ispejjez ta’ din is-sentenza in parte jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**